**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 t'April 2017**

**Talba Nru: 134/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Maria Dolores Buttigieg (ID 375791 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Marzu 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf u sitta w sittin Euro u sebghin centezmu (€1066.70) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet rateali datat 20 ta' Frar 2013 (AC40162670).

Illi l-imsemmi ftehim sar mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd, liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' GO plc.

Illi l-konvenuta m'onoratx l-impenn taghha li teffetwa hlasijiet mensili b'mod regolari u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2229/12, bl-imghaxijiet legali sa mill-4 t'Ottubru 2012, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta.

Ra li waqt is-seduta tal-lum il-kawza giet posposta sabiex tinghata sentenza llum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' elf u sitta w sittin Euro u sebghin centezmu (€1066.70) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet rateali datat 20 ta' Frar 2013 (AC40162670).

2. Illi x-xhud Charmaine Psaila Raji ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

3. Illi t-Tribunal ra wkoll il-ftehim a fol. 4, li qed tinvoka s-socjeta' attrici, li fl-ahhar paragrafu tieghu tabilhaqq jipprovdi illi fl-eventwalita' illi s-Sinjura Buttigieg, illum konvenuta, tonqos li thallas skond kif miftiehem, dan kien ifisser illi Mobisle Communciations Limited, kif illum amalgamata fis-socjeta' attrici, setghet tesigi l-hlas tas-somma bilancjali kollha b'effett immedjat; kif propju qed taghmel fil-kawza odjerna.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni

tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-20 t'April 2017.

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sitta w sittin Euro u sebghin centezmu (€1066.70) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur